MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2140/2003

**George Mallia ezercenti l-kummerc taht l-isem "Kamoy Tool Engineering"**

**Vs**

**Topserv Ltd kif rapprezentata mid-direttur taghha Noel Grech**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1298.35 (elf mitejn tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) dovuti bhala hlas ghal xogholijiet resi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-15 ta' Frar 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew pprezentati fil-21 ta' Frar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------